Qawmien mill-Ġdid wara l-Ħerba tal-Gwerra



# San Duminku Lura fi Triqat il-Birgu

*minn Anton Attard*




Nofs is-seklu li għadu kif intemm, speċjalment lejn il-ħamsinijiet, hu ta' importanza mhux żgħira, kemm fl-istorja tal-Komunità Dumnikana, kif ukoll f'dik tal-festa tal-Patrijarka San Duminku f'din il-belt.

F'ta' l-ewwel, għax fl-1952 sar l-ewwel pass biex il-patrijiet ikunu qrib ħajja komunitarja xierqa, billi jinġabru flimkien mill-ġdid taħt saqaf wieħed, wara li beda jinbena l-kunvent.

Tat-tieni, għax wara snin wieqfa, qajl qajl, mal-festa interna żdiedet ukoll dik esterna, li laħqet il-milja tagħha 50 sena ilu wkoll, billi f'jum il-festa ta' San Duminku, għall-ewwel darba wara l-gwerra, ħarġet il-purċissjoni bl-istatwa tiegħu fit-toroq prinċipali ta' din il-belt.

B'żieda ta' dan, fl-istess żmien, wara li fl-1948 ingħaqdet mill-ġdid il-*Banda Prince of Wales Own*, sa sentejn wara, din tara l-każin tagħha mibni mill-ġdid. Fl-istess ħin, din ikollha s-sodisfazzjon li, sa l-1951, għeluq is-60 sena mit-twaqqif tagħha, isibha ssudat sewwa, b'għadd ta' programmi mużikali esegwiti b'suċċess kemm f'beltha kif ukoll bnadi oħra.

## Id-Dumnikani lura l-Birgu

It-Tieni Gwerra Dinjija għamlet ħerba mill-Komunità Dumnikana tal-Birgu. Wara li ġġarrfu l-kunvent u l-knisja tal-Lunzjata, il-patrijiet kellhom isibu kenn, l-ewwel fil-kunvent tar-Rabat u, aktar tard, f'dar fi *Fleur-de-Lys*.

Għalkemm xi ftit jew wisq 'il bogħod mill-periklu, il-patrijiet ħsiebhom dejjem baqa' fuq il-Birgu. Tant hu hekk li, inqas minn sena wara, uħud minnhom diġà kienu qed jaħsbu biex jerġgħu lura.

Il-Gvern kien qiegħed għad-dispożizzjoni tal-patrijiet il-Palazz ta' l-Inkwiżitur. Minkejja li kien nieqes minn kull kumdità u l-kundizzjonijiet xejn sbieħ li kellhom jgħixu fihom, il-patrijiet David Buhagiar, Filip Mallia, Ambroġ Darmanin, Rikkardu Born, flimkien Fra Dumink Farrugia, nhar it-18 ta' Diċembru ta' l-1942, xorta waħda għażlu li jmorru lura l-Birgu u għexu kif setgħu flimkien, f'waħda mis-swali tal-palazz.

Dawk li fi żmien l-Inkwiżitur, kienu l-Kanċellerija u s-Sala ta' l-Udjenzi bidluhom f'kappella mnejn bdew mill-ġdid l-appostolat fost ir-residenti ta' l-inħawi. Barra minn dan, l-ewwel tliet patrijiet imsemmija bdew jgħallmu fl-iskola li l-Gvern fetaħ fl-Armerija, f'tarf is-Sur ta' San Ġwann.

Fi Frar ta' l-1945, imbagħad, il-komunità kisbet id-dar Nru. 5, Triq il-Ġdida (illum Triq P. Scicluna) biex il-patrijiet li kien fadal il-*Fleur-de-Lys* setgħu huma wkoll jerġgħu lura l-Birgu. Hekk, is-servizz pastorali mill-kappella ta' l-Inkwiżitur sar aktar effiċjenti,

b'għadd ta' quddies kuljum, qrar regolari u bosta funzjonijiet oħra.

## Festa Moderata

Festi partikolari, li qabel il-gwerra kienu jiġu ċċelebrati fil-knisja tal-Lunzjata, issa, anke jekk mhux b'mod daqstant solenni bħal qabel, bdew jiġu ċċelebrati fil-kappella ta' l-Inkwiżitur. Fost dawn kien hemm dik ta' San Duminku, fl-aħħar Ħadd ta' Awissu. Minn dik is-sena stess li ġew lura, il-patrijiet iċċelebrawha kull sena, anke jekk fl-ispazju limitat madwar l-altar żgħir li l-kappella kienet tippermetti. Iżda din kienet tiġi ċċelebrata xi ftit aħjar mill-oħrajn, għax kienet tkun bil-mużika tas-Surmast Antonio Pace.

Sa sentejn wara, il-festa baqgħet issir fuq ġewwa biss. Tibda bit-Tridu, tkompli bil-Quddiesa tat-*Te Deum* u t-Traslazzjoni tar-Relikwija lejlietha. Nharha, bil-Quddiesa Solenni bil-paniġierku filgħodu u tintemm filgħaxija bl-Għasar, ir-Repożizzjoni tar-Relikwija u l-Barka Sagramentali.

Iżda fl-1948, tfaċċat okkażjoni li wasslet biex, għalkemm b'mod moderat ħafna, jibdew mill-ġdid il-festi esterni u probabbilment tħaffef il-formazzjoni, mill-ġdid ukoll, tal-*Banda Prince of Wales Own*.

Biex infetħet Triq Boffa kien jinħtieġ li tinħatt biċċa mis-sur fil-Posta ta' Provence, fejn minn 75 sena qabel, kien hemm in-niċċa bl-istatwa ta' San Duminku skolpita minn Anton Busuttil, fl-1877. B'hekk, in-niċċa kellha tinħatt u tinbena mill-ġdid mal-ħajt tat-Torri ta' San Ġwann, fejn tinsab illum.

Iċ-ċerimonja tat-tberik tagħha tħalliet għas-Sibt 28 ta' Awissu, lejlet il-festa ta' dik is-sena. Wara t-Traslazzjoni, il-*Banda Prince of Wales Own* għamlet marċ mat-toroq tal-parti ta' fuq tal-Birgu, li ntemm quddiem in-niċċa l-ġdida. Sar diskors ta' l-okkażjoni minn P. Tumas Xerri OP u kif dan temm id-diskors tiegħu, il-Provinċjal P. Ġużepp Xuereb OP, kixef u bierek in-niċċa bl-istatwa ta' San Duminku, li ftit jiem qabel kienet ġiet irrestawrata wara xi ħsarat żgħar li sofriet fil-gwerra. L-innu *Calaroga* mal-ħruq ta' musketterija u suffarelli qanqal entużjażmu u applawsi kontinwi mill-folla li nġabret.



*Parti mill-folla li nġabret għaċ-ċerimonja tat-tberik tan-niċċa l-ġdida nhar it-28 ta' Awissu 1948, wara li l-Banda Prince of Wales kienet għamlet marċ tat-toroq tal-parti ta' fuq tal-Birgu.*

L-entużjażmu li qanqlet din iċ-ċerimonja u sehem il-*Banda Prince of Wales Own* nisslu tamiet ġodda li wasslu biex il-Kumitat tal-Festa, li twaqqaf ħafna qabel iċ-ċerimonja msemmija, ixammar il-kmiem. Mis-sena ta' wara, il-festa esterna ħadet ir-ruħ u minn dakinhar baqgħet tissaħħaħ, sena wara oħra, sakemm saret dik li nafuha llum.

## Il-Banda Prince of Wales Own

Meta tfassal il-programm ta' l-inawgurazzjoni tan-niċċa, l-organizzaturi wrew ix-xewqa li jaraw lill-*Banda Prince of Wales Own* attiva mill-ġdid.

Kien hemm bosta diffikultajiet li kien jinħtieġ li jintgħelbu biex dan seta' jsir. Il-każin kien nofsu mġarraf u ħafna mill-bandisti ta' qabel il-ġwerra kienu mxerrdin f'diversi rħula, għax djarhom fil-Birgu kienu mġarrfin.

Iżda f'waħda mis-seduti tal-kumitat ġie deċiż li għandu jsir dak kollu possibbli biex, fl-iqsar żmien, il-banda tiġi ffurmata mill-ġdid. Għalhekk, f'April ta' l-1948, erba' xhur qabel l-inawgurazzjoni tan-niċċa, inxtraw xi strumenti biex xi allievi setgħu jkomplu t-taħriġ tagħhom mas-Sur Emmanuel Costantino.

Is-Surmast Vincenzo Ciappara, ikkonfermat (darb'oħra), Direttur tal-Banda, fittex jiġbor flimkien għadd ta' ex-bandisti ta' qabel il-gwerra ma' oħrajn barranin u bihom irnexxielu jifforma banda tajba biżżejjed biex, fis-6 ta' Ġunju ta' dik is-sena stess, tagħmel l-ewwel programm.

Kien il-programm magħruf bħala 'tal-Lottu', biex is-Soċjetà tikkonforma mar-regolamenti tad-Dipartiment imposti fuq każini li kellhom banka tal-lottu. Il-banda kienet marret tajjeb ħafna tant, li ftit jiem wara, waslet stedina biex tieħu sehem fil-festa ta' San Ġużepp, il-Kalkara.

Wara l-Kalkara, ġiet mistiedna għall-festa ta' San Duminku, il-Belt. Kienet daħlet lejlietha. Wara marċ li Strada Rjali, kienet għamlet programm fi Pjazza Reġina, li ntlaqa' tajjeb ħafna.

B'hekk, għall-inawgurazzjoni tan-niċċa, li semmejna qabel, il-Banda kienet imħejjija biżżejjed u l-applawsi li qalgħet dakinhar kienu mistħoqqa.

## Jibdew il-Festi Esterni

Il-formazzjoni mill-ġdid tal-*Banda Prince of Wales Own* qisha kienet l-imbuttatura li kien jonqos biex tqum ukoll il-festa esterna. Dan deher ħafna fl-1949. Dik is-sena, għall-ewwel darba wara l-gwerra, il-festa ta' San Duminku, minbarra biċ-ċerimonji reliġjużi fil-kappella, ta' l-Inkwiżitur, ġiet iċċelebrata ukoll fuq barra, skond kif ħafna kienu jixtiequ.

Fis-sena msemmija, wara t-Traslazzjoni, il-*Banda Prince of Wales Own* bdiet marċ fit-toroq tal-parti ta' fuq tal-Birgu u wara għamlet programm fuq il-planċier, fejn qabel kien hemm il-kunvent.

Qabel beda l-marċ, b'turija ta' apprezzament, il-Kumitat tal-Festa irregala lill-Banda standard ġdid bl-arma ta' l-Ordni Dumnikan. Il-preżentazzjoni saret quddiem il-każin, li ftit jiem qabel, kienet bdiet ir-rikostruzzjoni tiegħu.

Għal nhar il-festa filgħaxija, ġiet mistiedna l-*Banda San Gaetano*, tal-Ħamrun. Din kienet għamlet marċ u programm mużikali fuq il-planċier, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Joseph Abela Scolaro.

Mill-festa ta' din is-sena, inbdew relazzjonijiet tajba ħafna bejn il-Banda Ħamruniża u l-*Banda Prince of Wales Own*. Għal snin wara, bdew jieħdu sehem fil-festi ta' xulxin, bl-eċċezzjoni meta l-festa ta' San Gejtanu taħbat fl-istess jum ma' dik ta' San Lawrenz. Każ tipiku kien dak fil-festa ta' San Gejtanu ċċelebrata l-Ħadd 10 ta' Awissu 1952. Dik is-sena, il-Kumitat tal-*Prince of Wales* ma laqax l-istedina li saritlu, billi fl-istess jum, fil-Birgu kienet se tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Lawrenz.

## B'Passi Hfief lejn Festa Xierqa

Il-mixja lejn festa xierqa, kif imdorrijin biha d-Dumnikani tal-Birgu, mibdija fl-1949, kompliet għaddejja b'passi ħfief ħafna. Il-kumitat, li kien twaqqaf ftit snin qabel, għall-ewwel immexxi minn P. Pietru Pawl Bajada OP u mill-1950 minn P. Valent Barbara OP, wħud mill-anġli, statwi u kolonni li kienu nqalgħu minn taħt it-tiġrif tal-kunvent, b'sogru kbir fi żmien il-gwerra, minn P. Filip Mallia OP, P. Ambroġ Darmanin OP u Fonzu Merilli.

Fil-bidu ta' l-1950, bdew jinħietu xi pavaljuni u bandalori, li għalihom kienu nxtaw 176 jarda drapp. Ġew ordnati wkoll 30 antinjol ta' 33 pied fit-Tarzna Navali.

Ħidmet il-kumitat u kollaboraturi oħrajn dehret fil-festa ċċelebrata dik is-sena stess. Iżżejnu bil-pavaljuni u festuni Triq il-Mina l-Kbira, Triq il-Palazz ta' l-Isqof, parti minn Triq il-Papa Alessandru, Triq Biswit il-Kunvent, Triq Biswit il-Kwartier u fuq is-Sur ta' San Ġwann.

Iż-żewġ statwi ta' Santa Katarina V.M. u ta' Santa Marija Maddalena, li laħqu ssewwew, intramaw fuq il-kolonni fit-triq tal-Lunzjata. Fuq is-sur ta' San Ġwann, intramat l-istatwa ta' Santa Ċeċilja u magħha għadd ta' anġli bil-pilandri. Magħhom iżżanżnu erba' bandalori bl-armi tal-Papiet Dumnikani.

Il-bieb tal-palazz ta' l-Inkwiżitur iżżejjen b'żewġ anġli bil-pilandri flimkien ma' żewġ statwi ta' kardinali, wieħed fuq kull naħa. Żewġ anġli oħra bil-pilandri ntramaw fit-taraġ tal-palazz, qabel tidħol fil-kappella.

Il-progress li sar kien jidher kull fejn tħares. Il-festa interna wkoll ġiet iċċelebrata aħjar mis-snin ta' qabel. Għal waqt il-funzjonijiet, il-pirjol kien issellef mir-Rabat par akkolti, żewġ ċnieser, buġija u sitt pjaneti; kollox kif kienet tinħtieġ l-okkażjoni, billi dawk tal-Lunzjata kienu ntilfu kollha meta ġġarfet il-knisja.

Kif kien sar minn sentejn qabel, il-mużika kienet tas-Surmast Vincenzo Bugeja. Ma' dan kollu, fil-festa ta' dik is-sena dehret ukoll il-ħila fl-oratorija ta' P. Tumas Xerri OP. Ta' l-ewwel bil-ġmiel ta' Tridu li kien ippriedka u tat-tieni, bil-paniġierku eċċellenti ta' nhar il-festa.

## Anniversarju tal-Banda Prince of Wales Own

F'jiem il-festa ta' San Duminku ċċelebrata fl-1951, il-*Banda Prince of Wales* kienet qed tiċċelebra għeluq is-sittin sena mit-twaqqif tagħha. Għalhekk, ma setax jonqos li din ma tkunx fost l-attrazzjonijiet ta' dawk il-jiem.

Bħala tifkira ta' din l-okkażjoni, il-banda ġiet ippreżentata bi standard bl-arma tal-Birgu u b'bandalora artistika. Dawn kienu ġabru għalihom Lelinu Vella u Ċikku Attard, membri tal-kumitat. Ġabru xi ftit aktar milli



*Waqt il-preżentazzjoni ta' l-istandard u l-bandalora artistika f'għeluq is-sittin sena mit-twaqqif ta' l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales.*



*Il-karru trijonfali li kien ġie armat fl-okkażjoni ta' meta l-Banda Prince of Wales ġiet magħżula biex tirrappreżenta lil Malta Band Clubs Association fil-festa nazzjonali tal-Vitorja fil-Belt (Settembru 1951).*

kien jinħtieġ u b'dak li fadal kienet inxtrat statwetta ta' San Duminku, għall-kappella tal-każin.

Iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni saret is-Sibt 25 ta' Awissu, lejlet il-festa, quddiem folla ta' ammiraturi, li minn kmieni bdew jinġemgħu quddiem il-każin.

Il-Pirjol, P. Pietru Pawl Bajada, li kien ukoll Direttur Spiritwali tas-Soċjetà, bierek l-istandard u l-bandalora. Qabel ma ppreżentahom lill-President tas-Soċjetà, is-Sur Edward Axiaq Mifsud, P. Andrew Vella OP, għamel diskors, fejn spjega l-importanza ta' dik iċ-ċerimonja.

Kienet ċerimonja li qanqlet entużjażmu u spiss ġiet interrotta biċ-ċapċip tal-folla li nġemgħet.

Wara li ntemm il-logħob tan-nar li nħaraq waqt il-preżentazzjoni, il-banda bdiet marċ mat-toroq ta' l-inħawi u wara għamlet programm mużikali, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Ciappara, ħdejn il-każin. Sa għeluq is-60 sena tagħna, il-banda kienet issudat biżżejjed li bdiet tiġi mistiedna tieħu sehem f'diversi festi.

Tant li, jumejn wara s-sehem tagħha fil-festa ta' San Duminku fil-Birgu, kienet fost il-baned li ħadu sehem fil-festi li saru Ħaż-Żabbar, fl-okkażjoni ta' l-Inkoronazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna tal-Grazzja.

Iżda l-akbar sodisfazzjon tal-banda kien dak meta, dik is-sena, intgħażlet biex tirrappreżenta lil *Malta Band Clubs Azzociation* fil-Festa Nazzjonali ċċelebrata fid-9 ta' Settembru, fil-Belt Valletta.

Dakinhar, il-*Banda Prince of Wales* daħlet il-Belt b'karru trionfali, li kien ġie ddisinjat u mtella' mis-Sur Ġużè Zammit u armat fuq *truck* misluf mis-Sur Philip Grima, li għalihom il-kumitat kien għadda vot ta' ringrazzjament.

Wara l-isfilata, il-banda kienet għamlet programm mużikali taħt id-direzzjoni tas-

Surmast Vincenzo Ciappara, fi Pjazza Reġina.

## Purċissjoni f'Corpus u f'Tar-Rużarju

Għalkemm il-kundizzjonijiet fil-kappella tal-Palazz ta' l-Inkwiżitur xejn ma kienu jagħmlu l-qalb, ma fixklu xejn biex ħidmet il-Komunità Dumnikana terġa' lura għalli kienet qabel il-gwerra.

F'Ottubru ta' l-1951, minbarra l-liturġija tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-kappella, ħarġet mill-ġdid il-purċissjoni. Anqas il-maltemp li għamel fl-ewwel Ħadd tax-xahar ma fixkel din id-devozzjoni esterna. Kienet ħarġet il-Ħadd ta' wara.

Dik is-sena kellha tinsab soluzzjoni għall-diffikulta oħra. Il-bieb tal-palazz mhux għoli biżżejjed biex statwa tgħaddi minnu fuq il-pedestall. B'hekk, il-Fratellanza tar-Rużarju kienet kostretta toħroġ l-istatwi tal-Madonna u ta' San Duminku mingħajr pedestall; fuq il-bradella biss.

Fil-15 ta' Ġunju ta' sena wara, imbagħad, ħarġet ukoll il-purċissjoni ta' *Corpus*. Għal jiem din il-festa, tant għażiża għall-Ordni Dumnikan, il-kappella żżejnet bid-damask aħmar. L-altar ġie armat *prima*, *seconda* u *terza*. Intramat ukoll il-ġirandola l-kbira.

Il-fjuri kienu kotrana, għax għalihom kienet ħasbet minn kmieni waħda mit-Terzjarji. Kienet tiġbor għalihom sold fil-ġimgħa. Ir-riżultat ta' ħidmietha kienu l-ġmiel ta' gladjoli roża li ntramaw fuq u madwar l-altar.

Għal waqt il-funzjonijiet u għall-purċissjoni kienu żżanżnu 24 pjaneta, 4 kapep, 7 tuniċelli, baldakkin u umbrella.



*Il-kappella tal-Palazz ta' l-Inkwiżitur armata għal waħda mill-festi ta' matul is-sena.*

Fil-purċissjoni kienu ħadu sehem is-Sorijiet Franġiskani ta' l-Eġittu bit-tfal ta' l-iskola tagħhom, il-*Boy Scouts*, il-membri nisa tas-Soċjetà tal-Museum, membri tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes u għadd ta' Terzjarji Dumnikani.

Għaddiet mit-toroq prinċipali tal-Birgu u saret waqfa quddiem il-Każin tal-*Banda Prince of Wales Own*, biex ngħatat il-Barka Sagramentali mill-gallarija tal-każin.

## L-Ewwel Ġebla tal-Kunvent

Pass ieħor importanti lejn ir-riabilitazzjoni tad-Dumnikani tal-Birgu seħħ il-Ħadd, 27 ta' Lulju 1952. Dakinhar wara nofsinhar, il-Provinċjal ta' l-Ordni, P. Esmund Klimech OP, li kien wasal Malta xahar qabel, bierek u qiegħed l-ewwel ġebla tal-kunvent il-ġdid.

Ix-xogħol kellu jkompli minn l-għada stess skond il-pjanti tal-Perit Edwin England Sant Fournier, taħt it-tmexxija ta' l-imgħallem Żebbuġi Philip Grima.

Skond ma rrapurtaw ġurnali jiem wara, jidher li kienet ċerimonja kommoventi ħafna, l-aktar waqt il-kant tas-*Salve Regina* u l-antifona *Pie Pater Dominice* mill-Komunità Dumnikana li, snin qabel, rat il-kunvent l-antik tagħha jiġġarraf u fih titlef il-biċċa l-kbira ta' dak li kellha.

Għal din iċ-ċerimonja kienu attendew għadd ta' persunaġġi distinti flimkien ma' rappreżentanza mill-Kapitli tal-Kolleġġjati tal-Birgu, Bormla, l-Isla u Birkirkara. Kien hemm ukoll il-Patrijiet Tereżjani ta' Bormla, il-Kapuċċini tal-Kalkara, Freres mill-Kulleġġ De La Salle u Sorijiet Dumnikani u Franġiskani. Ma' dawn kien hemm ukoll rappreżentanti ta' diversi baned u Għaqdiet oħra.

Għal din l-okkażjoni, il-*Banda Prince of Wales Own*, li fil-każin tagħha kien sar riċeviment għal dawk li attendew, kienet ħejjiet programm mużikali mżewwaq ħafna li bdietu u temmietu bl-innu *Calaroga*.

## B'Festa ma Jonqosha Xejn

Jekk instabet soluzzjoni għall-problemi li kien hemm biex setgħu joħorġu l-purċissjonijiet ta' *Corpus* u tar-Rużarju, ma baqa' xejn xi jżomm li toħroġ ukoll il-purċissjoni nhar il-festa ta' San Duminku.

Ħafna kienu ilhom jixtiequ dan u fl-aħħar, meta kienet qed toqrob il-festa ta' l-1952, tħabbar li, dik is-sena, wara 13-il sena sħaħ, il-purċissjoni f'nhar il-festa, kienet se terġa' toħroġ mill-ġdid.

Kienet okkażjoni speċjali li ġiebet magħha ċelebrazzjonijiet ħafna aħjar minn dawk li saru fl-aħħar snin. Dan deher kemm fuq ġewwa kif ukoll f'dawk li saru barra.

Għall-festi interni, fil-Kappella Dumnikana fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur, it-tħejjija bdiet minn kmieni, P. Filip Mallia OP ġie mistieden jagħmel il-priedki tat-Tridu u P. Wistin Born OP aċċetta wkoll li jagħmel il-paniġierku ta' nhar il-festa. Il-Provinċjal Klimeck ikkonferma li se jiffunzjona waqt it-Traslazzjoni u l-għada jiċċelebra l-Quddiesa Solenni tal-festa.

L-Arċipreti tal-Kottonera, dik is-sena taw sehemhom ukoll. Nhar il-festa, it-tlieta li huma marru jqaddsu fil-kappella ta' l-Inkwiżitur. Bħalhom għamel il-Pirjol tat-Tereżjani ta' Bormla u l-Gwardjan tal-Kapuċċini tal-Kalkara.

Dawn iċ-ċelebrazzjonijiet speċjali ta' dik is-sena setgħu jinstemgħu minn barra. Ġew stallati *loudspeakers* fit-triq tal-Lunzjata u fuq is-sur ta' San Ġwann.

Biex il-festa tinħass ukoll 'il bogħod minn triqat tal-Birgu, il-Pirjol kiteb lill-Arċiprieti tal-Kottonera u lis-Sorijiet tal-Monasteru ta' Santa Skolastika u fakkarhom fil-konvenjenza li kien hemm bejniethom li jindaqqu l-qniepen tal-knejjes tagħhom fit-*Te Deum* u fil-purċissjonijiet rispettivi tagħhom.

Fuq barra, il-festa marret aħjar mis-soltu. Żdied aktar armar, għax aktar statwi laħqu ssewwew. Iżżanżnu aktar bandalori u pavaljuni.

Il-marċ ta' lejlet il-festa filgħaxija mill-*Banda Prince of Wales Own* kien brijuż aktar mis-soltu. Il-programm fuq il-planċier li kienet użata tagħmel wara l-marċ, minn dik is-sena, bdiet tagħmlu fuq is-sur ta' San Ġwann.

Nhar il-festa, mal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, li l-programm tagħha għamlitu fuq is-sur ukoll, żdiedet il-*Banda Maria Mater Gratiae* ta' Ħaż-Żabbar. Din kienet bdiet marċ mill-Pjazza tar-Rebħa u kompliet bi programm fuq planċier li ntrama ħdejn il-każin tal-*Prince of Wales*.

## L-Ewwel Purċissjoni wara 13-il Sena

Għalkemm dan it-titjib kollu ġie apprezzat u mfaħħar ħafna, l-aktar mistennija dik is-

sena kienet il-purċissjoni ta' nhar il-festa, li dik is-sena ġiet iċċelebrata fil-31 ta' Awissu.

Min jista' jiddeskrivi dik il-lejla aħjar minn wieħed mill-protagonisti ta' ġrajjiet dawk is-snin? P. Valent Barbara OP ħalla rakkont emozzjonanti fl-arkivju tal-kunvent. F'kitbiet jinħass il-ferħ, l-entużjażmu u, fl-istess ħin, in-nostalġija li qanqlet fih il-manifestazzjoni ta' dik il-lejla. Ħalla miktub dan li ġej:

*"Wara 13-il sena, erġajna ħriġna l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Duminku. Billi l-bieb tal-palazz ċkejken wisq u l-pedestall tal-fidda ma jgħaddix u ieħor ma kellniex, issellift wieħed mingħand il-Fratellanza ta' San Vinċenz, tal-Belt.*

*Fil-5.00pm, bdejna l-Għasar Solenni. Waqt li kien qed jitkanta l-innu, niżżlu l-istatwa ta' San Duminku minn fuq il-pedestall tal-fidda u ħadnieha isfel ħdejn il-bieb ta' l-intrata u ħriġna barra, ħdejn il-bieb, il-pedestall ta' San Vinċenz.*

*Sfilaw il-fratelli tar-Rużarju; magħhom ġew ukoll dawk tar-Rabat u ħriġna barra lil San Duminku.*

*Ma nistax infisser l-entużjażmu tan-nies, hekk kif ħarġet l-istatwa wara 13-il sena.*

*Il-purċissjoni għaddiet mit-toroq ta' qabel il-gwerra. Sakemm wasalna ħdejn il-każin, l-istatwa ntrefgħet min-nies tal-Belt, iżda minn hemm sal-palazz intrefgħet min-nies tal-lokal.*

*Meta wasalna quddiem il-Lunzjata mwaqqa' kienet xena kommoventi. Tellgħu l-istatwa fuq l-idejn u dawruha tħares lejn il-knisja mġarrfa: Donnu l-bini mġarraf kien qed jistenna lil San Duminku jerġa jidħol fih bħal dari; mhux idur mill-ġdid u jibqa' nieżel 'l isfel, biex jidħol f'dar li mhix tiegħu."*

Dakinhar, kienu ħafna dawk li ferħu u, fl-istess ħin, tnikktu bħal P. Valent; speċjalment dawk li, waqt li bkew l-imgħoddi, raw riżultat ħidmiethom, biex qajmu l-festa fuq riġlejha mill-ġdid. Il-biċċa l-kbira tagħhom m'għadhomx magħna. Aħna, li llum qed ingawdu frott ħidmiethom, żgur li għandna għaliex nibqgħu nafuhulhom.

**Biblijografija**


M. Fsadni OP – *Id-Dumnikani Maltin fi Żmien il-Gwerra*, KKM, 1977.

Arkivju Kunvent tal-Lunzjata, Vittoriosa, *Giuliana* Ms22.11, pp. 4-45.

Arkivju *Soċjetà Prince of Wales Own*, Minuti 1945-1952.

*The Times of Malta – 28 August 1951, 30 July 1952.*

*Il-Berqa* – 28 ta' Awissu 1948, 24 ta' Awissu 1949, 28 ta' Awissu 1951, 3 ta' Lulju 1952, 1 ta' Awissu 1952, 19 ta' Awissu 1952.





Paul Carabott Jewellers

233, Żabbar Road, Fgura Tel/Fax: 21 809225